Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/480**

tal-1 ta' April 2016

li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 87, 2.4.2016, p. 4)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1440 tat-8 ta' Awwissu 2017	L 206	3	9.8.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/480

tal-1 ta' April 2016

li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti rigward il-konnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq mas-sistema tal-messaġġi tal-ERRU, kif stipulat fl-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament u flimkien mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “ERRU (Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq)” tfisser sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali, stabbilita skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(b) “Interfaċċa asinkronika” tfisser proċess li bih messaġġ bi tweġiba għal talba jiġi rritornat fuq konnessjoni HTTP ġdida.

(c) “Tfittxija ġenerali” tfisser messaġġ ta' talba mingħand Stat Membru li jkun indirizzat lill-Istati Membri l-oħra kollha.

(d) “Hub ċentrali” tfisser is-sistema ta' informazzjoni li tippermetti r-routing tal-messaġġi tal-ERRU bejn l-Istati Membri.

(e) “CPC” tfisser ċertifikat ta' kompetenza professjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(f) “Stat Membru tal-ksur” tfisser l-Istat Membru li fih impriża tat-trasport tkun wettqet ksur.

(g) “Stat Membru ta' stabbiliment” tfisser l-Istat Membru li fih impriża tat-trasport tkun stabbilita.

(h) “Sistema nazzjonali” tfisser is-sistema ta' informazzjoni stabbilita f'kull Stat Membru sabiex il-messaġġi tal-ERRU jkunu jistgħu jintbagħtu, jiġu pproċessati u jitwieġbu.

(i) “Interfaċċa sinkronika” tfisser proċess li bih messaġġ bi tweġiba għal talba jiġi rritornat fuq l-istess konnessjoni HTTP li kienet intużat għat-talba.

(j) “Stat Membru tat-talba” tfisser l-Istat Membru li jibgħat talba jew notifika, li mbagħad tiġi routed lill-Istati Membri xierqa tat-tweġiba.

(k) “Stat Membru tat-tweġiba” tfisser l-Istat Membru li lilu kienet diretta t-talba jew in-notifika tal-ERRU.

▼B

Artikolu 3

Obbligu ta' konnessjoni mal-ERRU

L-Istati Membri għandhom iwettqu l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 mal-ERRU skont il-proċeduri u r-rekwiżiti tekniċi stipulati f'dan ir-Regolament.

▼M1

Il-konnessjoni mal-ERRU ta' Stat Membru għandha titqies li tkun ġiet stabbilita meta jitlestew it-testijiet tal-konnessjoni, tal-integrazzjoni u tal-prestazzjoni skont l-istruzzjonijiet u bis-sorveljanza tal-Kummissjoni. It-tul massimu ta' dawn it-testijiet għandu jkun sitt xhur. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri f'każ ta' falliment tat-testijiet imsemmija hawn fuq. Jekk dawk il-miżuri ma jkunux biżżejjed, il-Kummissjoni tista' tirtira l-appoġġ tal-ittestjar sakemm l-Istat Membru jagħti prova li jkun sar progress biżżejjed fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-konnessjoni mal-ERRU.

▼B

Artikolu 4

Speċifikazzjonijiet tekniċi

L-ERRU għandha tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Annessi I sa VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Użu tal-ERRU

1. Meta jiskambjaw l-informazzjoni permezz tal-ERRU, l-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu l-proċeduri stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess għall-funzjonalità ta' Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja tal-ERRU lill-korpi tal-kontroll tagħhom inkarigati li jagħmlu l-kontrolli f'ġenb it-triq.

3. F'każijiet li fihom diversi korpi nazzjonali tal-kontroll ikunu involuti fil-kontrolli f'ġenb it-triq, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi liema minn dawk il-korpi għandu jingħata l-aċċess imsemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 6

Tħassir

B'hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010 jitħassar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mit-30 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

ASPETTI ĠENERALI TAL-ERRU

1. ARKITETTURA

L-ERRU se tkun magħmula mill-partijiet li ġejjin:

1.1. Hub ċentrali, li jkun jista' jirċievi talba mingħand l-Istat Membru tat-talba, jivvalidaha u jipproċessaha billi jgħaddiha lill-Istati Membri tat-tweġiba. Il-hub ċentrali jistenna biex kull Stat Membru tat-tweġiba jwieġeb, jikkonsolida t-tweġibiet kollha u jgħaddi t-tweġiba kkonsolidata lill-Istat Membru tat-talba.

1.2. Sistema nazzjonali għal kull Stat Membru, li se tkun mgħammra b'interfaċċa li tkun kapaċi tibgħat it-talbiet lill-hub ċentrali kif ukoll tirċievi t-tweġibiet korrispondenti. Is-sistemi nazzjonali jistgħu jużaw softwer tagħhom stess jew softwer kummerċjali biex jittrażmettu u jirċievu l-messaġġi mill-hub ċentrali.

▼M1

1.3. Il-messaġġi kollha għandhom jingħaddu mis-sistema ċentrali.

▼B

2. ĠESTJONI

2.1. Il-hub ċentrali se jiġi ġestit mill-Kummissjoni, li se tkun responsabbli għat-tħaddim tekniku u għall-manutenzjoni tal-hub ċentrali.

▼M1

2.2. Is-sistema ċentrali m'għandhiex taħżen id-dejta għal iżjed minn sitt (6) xhur, għajr id-dejta tal-illoggjar, statistika u tad-direzzjonar kif stabbilit fl-Anness VII.

2.3. Is-sistema ċentrali mhux se tipprovdi aċċess għad-dejta personali, ħlief lill-persunal awtorizzat tal-Kummissjoni, meta dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-operazzjoni teknika, il-manutenzjoni u s-sejbien tas-soluzzjonijiet.

▼B

2.4. L-Istati Membri se jkunu responsabbli:

2.4.1. Għat-twaqqif u għall-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom, inkluża l-interfaċċa mal-hub ċentrali.

2.4.2. Għall-installazzjoni u għall-manutenzjoni tas-sistema nazzjonali tagħhom, kemm tal-ħardwer kif ukoll tas-softwer, u sewwasew jekk tkun sistema tagħhom stess jew sistema kummerċjali.

2.4.3. Għall-interoperabbiltà korretta tas-sistema nazzjonali tagħhom mal-hub ċentrali, inkluża l-ġestjoni tal-messaġġi tal-iżbalji li jirċievi l-hub ċentrali.

2.4.4. Sabiex jieħdu l-miżuri kollha biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni.

2.4.5. Għat-tħaddim tas-sistemi nazzjonali skont il-livelli ta' servizz stabbiliti fl-Anness VI.

2.5. Il-portal tal-web MOVEHUB

Il-Kummissjoni se tipprovdi applikazzjoni bbażata fuq il-web b'aċċess f'qafas sigur, imsejħa "l-portal tal-web MOVEHUB", filwaqt li tipprovdi minn tal-inqas is-servizzi li ġejjin:

(a) L-istatistika dwar id-disponibbiltà tal-Istati Membri

(b) In-notifika tal-manutenzjoni fuq il-hub ċentrali u fuq is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri.

(c) Rapporti aggregati

▼B

(d) Ġestjoni tal-kuntatti

(e) Skemi XSD

▼M1

2.6. Ġestjoni tal-kuntatti

Il-funzjonalità tal-ġestjoni tal-kuntatti se tipprovdi l-kapaċità lil kull Stat Membru biex imexxi d-dettalji tal-kuntatt fir-rigward tal-kategoriji kummerċjali, operazzjonali, tekniċi u ta' politika ta' dak l-Istat Membru, għax l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru hi responsabbli għaż-żamma tal-kuntatti tagħha stess. Se jkun possibbli li wieħed jara, iżda mhux jeditja, id-dettalji tal-kuntatt tal-Istati Membri l-oħra.

▼B

ANNESS II

FUNZJONALITAJIET TAL-ERRU

1. Il-funzjonalitajiet li ġejjin se jiġu pprovduti permezz tal-ERRU:

1.1. Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba (CGR): jippermetti lill-Istat Membru tat-talba jibgħat mistoqsija lil Stat Membru wieħed tat-tweġiba jew lil kollha kemm huma, sabiex tiġi ddeterminata l-qagħda medika ta' maniġer tat-trasport u b'hekk l-awtorizzazzjoni li jmexxi impriża tat-trasport.

1.2. Notifika tal-Ksur (INF): tippermetti lill-Istat Membru tal-ksur jinnotifika lill-Istat Membru ta' stabbiliment li l-impriża tat-trasport tkun wettqet ksur serju kif imsemmi fl-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Tippermetti wkoll lill-Istat Membru tal-ksur jitlob li l-penali jiġu applikati lill-impriża tat-trasport fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

1.3. Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja (CCL): jippermetti lill-Istat Membru tat-talba jibgħat lill-Istat Membru tat-tweġiba (jiġifieri l-Istat Membru ta' stabbiliment) sabiex jiġi determinat jekk impriża tat-trasport tkunx qed topera b'liċenzja Komunitarja valida.

2. Se jiġu inklużi tipi oħra ta' messaġġi li jitqiesu li huma adattati għall-funzjonament effiċjenti tal-ERRU, pereżempju, notifiki tal-iżbalji.

▼B

ANNESS III

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-MESSAĠĠI TAL-ERRU

1. REKWIŻITI TEKNIĊI ĠENERALI

1.1. Il-hub ċentrali se tipprovdi interfaċċa sinkronika u oħra asinkronika għall-iskambju ta' messaġġi. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-iktar teknoloġija adattata għall-interfaċċa mal-applikazzjonijiet tagħhom stess.

1.2. Il-messaġġi kollha skambjati bejn il-hub ċentrali u s-sistemi nazzjonali jridu jkunu enkowdjati UTF-8.

1.3. L-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi nazzjonali tagħhom jistgħu jirċievu u jipproċessaw il-messaġġi li jkun fihom ittri Griegi jew Ċirilliċi.

2. STRUTTURA TAL-MESSAĠĠI U DEFINIZZJONI TAL-ISKEMA XML (XSD)

2.1. L-istruttura ġenerali tal-messaġġi XML issegwi l-format definit mill-iskemi XSD installati fil-hub ċentrali.

2.2. Il-hub ċentrali u s-sistemi nazzjonali jittrażmettu u jirċievu messaġġi li jikkonformaw mal-iskema XSD tal-messaġġi.

2.3. Is-sistemi nazzjonali se jkunu kapaċi jibagħtu, jirċievu u jipproċessaw il-messaġġi kollha li jikkorrispondu ma' kwalunkwe waħda mill-funzjonalitajiet stabbiliti fl-Anness II.

2.4. Minn tal-inqas il-messaġġi XML jinkludu r-rekwiżiti minimi stipulati fl-Appendiċi ta' dan l-Anness.

▼B

Appendiċi

Rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-messaġġi XML

Intestazzjoni Komuni		Obbligatorju
Verżjoni	Il-verżjoni uffiċjali tal-ispeċifikazzjonijiet XML se tiġi speċifikata permezz tal-ispazju tal-isem definit fil-messaġġ XSD u fl-attribut tal-*verżjoni* tal-element tal-Intestazzjoni ta' kwalunkwe messaġġ XML. In-numru tal-verżjoni (“n.m”) se jiġi definit bħala valur fiss f'kull rilaxx tal-fajl tad-Definizzjoni ta' Skema XML (xsd).	Iva
Identifikatur tat-Test	Identifikatur (ID) fakultattiv għall-ittestjar L-oriġinatur tat-test jimla l-ID u l-parteċipanti kollha fil-fluss tax-xogħol jittrażmettu/jirritornaw l-istess ID. Fil-produzzjoni dan għandu jiġi injorat u mhux se jintuża jekk jiġi pprovdut.	Le
Identifikatur Tekniku	UUID li jidentifika b'mod uniku lil kull messaġġ individwali. Min jibgħat il-messaġġ jiġġenera UUID u jimla dan l-attribut. Din id-dejta ma tintużax f'kapaċità kummerċjali.	Iva
Identifikatur tal-Fluss tax-xogħol	Il-workflowId huwa UUID u għandu jiġi ġġenerat mill-Istat Membru tat-talba. Imbagħad, dan l-ID jintuża fil-messaġġi kollha biex għall-korrelazzjoni tal-fluss tax-xogħol.	Iva
Mibgħut Fi	Id-data u l-ħin (UTC) li fihom intbagħat il-messaġġ.	Iva
▼M1 Żmien tal-iskadenza	Dan hu data u ħin fakultattivi (bil-format UTC). Dan il-valur tiffissah biss is-sistema ċentrali għat-talbiet li jintbagħtu u jiġi kkalkulat skont id-data/il-ħin meta s-sistema ċentrali tirċievi l-ewwel talba. Dan jinforma lill-Istat Membru tat-tweġiba dwar il-ħin meta tiskadi t-talba. Dan il-valur mhux meħtieġ fl-ewwel talbiet mibgħuta lis-sistema ċentrali u fil-messaġġi kollha tat-tweġiba.	Le
▼B Mingħand	Il-kodiċi Alfa 2 ISO 3166-1 tal-Istat Membru li jibgħat il-messaġġ jew “UE”.	Iva
Lil	Il-kodiċi Alfa 2 ISO 3166-1 tal-Istat Membru li qed jintbagħatlu l-messaġġ jew “UE”.	Iva

Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba

Talba għal Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba		Obbligatorju
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jidentifika kull talba individwali.	Iva

▼B

Talba għal Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba		Obbligatorju
Awtorità Kompetenti tat-Talba	L-awtorità kompetenti li tkun ħarġet talba għal tfittxija.	Iva
Dettalji tal-Maniġer tat-Trasport		*Iva, jekk ma jkunx hemm dettalji tas-CPC*
Kunjom	Kunjom/ijiet tal-maniġer tat-trasport kif indikat fuq is-CPC.	Iva
Isem	L-isem sħiħ tal-maniġer tat-trasport kif indikat fuq iċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali.	Iva
Data tat-Twelid	Id-data ta' twelid tal-maniġer tat-trasport fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Iva
Post tat-twelid	Il-post tat-twelid tal-maniġer tat-trasport.	Le
Dettalji tas-CPC		*Iva, jekk ma jkunx hemm dettalji tal-maniġer tat-trasport*
Numru tas-CPC	In-numru taċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali	Iva
Data tal-Ħruġ tas-CPC	Id-data tal-ħruġ tas-CPC fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Iva
Pajjiż tal-Ħruġ tas-CPC	Il-pajjiż tal-ħruġ tas-CPC fil-format Alfa 2 ISO 3166-1.	Iva

Tweġiba għall-Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba		Obbligatorju
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jaqbel mal-identifikatur tal-każ tan-negozju tat-talba.	Iva
Awtorità Kompetenti tat-Talba	L-awtorità kompetenti li tkun ħarġet talba għal tfittxija.	Iva
Awtorità Kompetenti tat-Tweġiba	L-awtorità kompetenti li tkun wieġbet it-talba għal tfittxija.	Iva
Kodiċi tal-Istatus	Il-kodiċi tal-istatus tat-tfittxija (eż. instab, ma nstabx, żball, eċċ.).	Iva

▼B

Tweġiba għall-Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba		Obbligatorju
Messaġġ tal-Istatus	Deskrizzjoni ta' spjega tal-istatus (jekk ikun hemm bżonn).	Le
Instabu Dettalji tal-Maniġer tat-Trasport		*Iva, jekk Instab il-Kodiċi tal-Istatus*
Kunjom	Il-kunjom/ijiet tal-maniġer tat-trasport kif irreġistrat/i fir-reġistru.	Iva
Isem	L-isem sħiħ tal-maniġer tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Data tat-Twelid	Id-data ta' twelid tal-maniġer tat-trasport fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Post tat-twelid	Il-post tat-twelid tal-maniġer tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Numru tas-CPC	In-numru taċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Data tal-Ħruġ tas-CPC	Id-data tal-ħruġ tas-CPC fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Pajjiż tal-Ħruġ tas-CPC	Il-pajjiż tal-ħruġ tas-CPC fil-format Alfa 2 ISO 3166-1 kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Total ta' Impriżi Ġestiti	In-numru ta' impriżi tat-trasport li magħhom ikun assoċjat il-maniġer tat-trasport.	Iva
Total ta' Vetturi Ġestiti	In-numru totali ta' vetturi li magħhom ikun assoċjat il-maniġer tat-trasport.	Iva
Qagħda medika	Dikjarazzjoni ta' "Qagħda medika tajba" jew ta' "Qagħda medika ħażina".	Iva
Data tat-Tmiem tal-Qagħda medika ħażina	Id-data tat-tmiem tal-qagħda medika ħażina tal-maniġer tat-trasport fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ). Applikabbli jekk il-Qagħda fiżika tkun ħażina.	Le
Metodu ta' Tfittxija	Il-metodu li jintuża biex jinstab il-maniġer tat-trasport: NYSIIS, CPC jew wieħed Apposta.	Iva
Impriża tat-Trasport (għal kull Maniġer tat-Trasport li jinstab)		*Iva jekk l-Impriżi Ġestiti > 0*
Isem l-Impriża tat-Trasport	Isem l-impriża tat-trasport (l-isem u l-forma ġuridika) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva

▼B

Tweġiba għall-Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba		Obbligatorju
Indirizz tal-Impriża tat-Trasport	L-indirizz tal-impriża tat-trasport (l-indirizz, il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
▼M1 Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva
▼B Status tal-Liċenzja Komunitarja	L-istatus tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Vetturi Ġestiti	In-numru ta' vetturi ġestiti kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva

Notifika ta' Ksur

Talba għal Notifika ta' Ksur		Obbligatorju
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jidentifika kull talba individwali.	Iva
Awtorità tan-Notifika	L-awtorità kompetenti li toħroġ in-notifika ta' ksur.	Iva
Impriża tat-Trasport		*Iva*
Isem l-Impriża tat-Trasport	Isem l-impriża tat-trasport li kontriha jkun qed jiġi rreġistrat l-ksur.	Iva
▼M1 Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-kopja awtentika ċċertifikata jew tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva
▼B Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Vettura	In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura tal-vettura li twettaq l-ksur.	Iva
Pajjiż ta' Reġistrazzjoni tal-Vettura	Il-pajjiż li fih tkun irreġistrata l-vettura	Iva
Ksur Serju		*Iva*
Data tal-Ksur	Id-data tal-ksur tas-CPC fil-format ISO 8601. (SSSS-XX-JJ)	Iva
Kategorija	Il-kategorija tal-ksur: — MSI — L-iktar ksur serju — VSI — Ksur serju ħafna — SI — Ksur serju	Iva

▼B

Talba għal Notifika ta' Ksur		Obbligatorju
Tip ta' Ksur	Skont il-klassifikazzjoni mogħtija fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/403	Iva
Data tal-Kontroll	Id-data tal-kontroll li fiha l-ksur ikun ġie aċċertat fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Iva
Penali Imposta (għal kull Ksur Serju)		*Iva*
Identifikatur tal-Penali Imposta	In-numru tas-serje tal-penali individwali imposta.	Iva
Data tad-Deċiżjoni Finali	Id-data tad-deċiżjoni finali tal-penali imposta fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Iva
Tip ta' Penali Imposta	Dikjarazzjoni ta' waħda minn dawn: — 101 — "Twissija" — 201 –"Divjet temporanju fuq l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ" — 202 — "Multa" — 203 — "Projbizzjoni" — 204 — "Immobilizzazzjoni" — 102 — "Oħrajn"	Iva
Data tal-Bidu	Id-data tal-bidu tal-penali imposta fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Le
Data tat-Tmiem	Id-data tat-tmiem tal-penali imposta fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Le
Ġiet Eżegwita	Iva/Le	Iva
Penali Mitluba (għal kull Ksur Serju)		*Le*
Identifikatur tal-Penali Mitluba	In-numru tas-serje tal-penali individwali mitluba.	Iva
Tip ta' Penali Mitluba	Dikjarazzjoni ta' waħda minn dawn: — 101 — "Twissija" — 301 — "Irtirar temporanju ta' xi whud mill-kopji awtentiċi ċċertifikati tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha kemm huma" — 302 — "Irtirar permanenti ta' xi whud mill-kopji awtentiċi ċċertifikati tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha kemm huma" — 303 — "Irtirar temporanju tal-liċenzja Komunitarja" — 304 — "Irtirar permanenti tal-liċenzja Komunitarja" — 305 — "Sospensjoni tal-ħruġ tal-attestazzjonijiet tas-sewwieq" — 306 — "Irtirar tal-attestazzjonijiet tas-sewwieq" — 307 — "Ħruġ tal-attestazzjonijiet tas-sewwieq soġġett għal kundizzjonijiet addizzjonali sabiex jiġi evitat l-użu ħażin"	Iva
Durata	It-tul ta' żmien tal-penali mitluba (jiem kalendarji).	Le

▼B

Tweġiba għal Notifika ta' Ksur		Obbligatorju
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jaqbel mal-identifikatur tal-każ tan-negozju tat-talba.	Iva
Awtorità Oriġinatriċi	L-awtorità kompetenti li ħarġet in-notifika ta' ksur oriġinali.	Iva
Awtorità tal-Għoti tal-Liċenzja	L-awtorità kompetenti li twieġeb in-notifika ta' ksur.	Iva
Kodiċi tal-Istatus	Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba għall-ksur (eż. instab, ma nstabx, żball, eċċ.).	Iva
Messaġġ tal-Istatus	Deskrizzjoni ta' spjega tal-istatus (jekk ikun hemm bżonn).	Le
Impriża tat-Trasport		*Iva*
Isem l-Impriża tat-Trasport	Isem l-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva

▼M1

Indirizz tal-Impriża tat-Trasport	L-indirizz tal-impriża tat-trasport (l-indirizz, il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva
Status tal-Liċenzja Komunitarja	L-istatus tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Vetturi Ġestiti	L-għadd ta' vetturi ġestiti kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva

▼B

Penali Imposta		*Le*
Identifikatur tal-Penali Imposta	In-numru tas-serje tal-penali individwali imposta (mogħti fl-Identifikatur tal-Penali Mitluba tan-Notifika ta' Ksur).	Iva
Awtorità li qed Timponi l-Penali	Isem l-awtorità li qed timponi l-penali.	Iva
Ġiet Imposta	Iva/Le	Iva
Tip ta' Penali Imposta	Dikjarazzjoni ta' waħda minn dawn: — 101 — "Twissija" — 301 — "Irtirar temporanju ta' xi whud mill-kopji awtentiċi ċċertifikati tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha kemm huma" — 302 — "Irtirar permanenti ta' xi whud mill-kopji awtentiċi ċċertifikati tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha kemm huma" — 303 — "Irtirar temporanju tal-liċenzja Komunitarja" — 304 — "Irtirar permanenti tal-liċenzja Komunitarja"	Iva

▼B

Tweġiba għal Notifika ta' Ksur		Obbligatorju
	— 305 — “Sospensjoni tal-ħruġ tal-attestazzjonijiet tas-sewwieq” — 306 — “Irtirar tal-attestazzjonijiet tas-sewwieq” — 307 — “Ħruġ tal-attestazzjonijiet tas-sewwieq soġġett għal kundizzjonijiet addizzjonali sabiex jiġi evitat l-użu ħażin” — 102 — “Oħrajn”	
Data tal-Bidu	Id-data tal-bidu tal-penali imposta fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Le
Data tat-Tmiem	Id-data tat-tmiem tal-penali imposta fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ).	Le
Raġuni	Ir-raġuni jekk il-penali ma tiġix imposta.	Le

Konferma ta' Riċevuta għal Notifika ta' Ksur		Obbligatorju
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jaqbel mal-identifikatur tal-każ tan-negozju tan-notifika jew tat-tweġiba.	Iva
Kodiċi tal-Istatus	Il-kodiċi tal-istatus tal-konferma ta' riċevuta.	Iva
Messaġġ tal-Istatus	Sekwenza tal-Messaġġ tal-Istatus	Le
Awtorità Oriġinatriċi	Għal IN_Ack: fil-leġiżlazzjoni, dan il-qasam huwa rrappreżentat bħala “Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti tad-Destinazzjoni”. Għal IR_Ack: fil-leġiżlazzjoni, dan il-qasam huwa rrappreżentat bħala “Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti tal-Konferma ta' Riċevuta”.	Iva
Awtorità tal-Għoti tal-Liċenzja	Għal IN_Ack: fil-leġiżlazzjoni, dan il-qasam huwa rrappreżentat bħala “Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti tal-Konferma ta' Riċevuta”. Għal IR_Ack: fil-leġiżlazzjoni, dan il-qasam huwa rrappreżentat bħala “Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti tad-Destinazzjoni”.	Iva
Tip ta' Konferma ta' Riċevuta	Tip ta' Konferma ta' Riċevuta ta' Definizzjoni Valuri Possibbli: — “IN_Ack” — “IR_Ack”	Iva

Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja

Talba ta' Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja		Obbligatorju
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jidentifika kull talba individwali.	Iva
Awtorità Oriġinatriċi	L-awtorità li toħroġ it-talba għal tfittxija.	Le
Impriża tat-Trasport		*Iva*

▼B

Talba ta' Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja		Obbligatorju
Isem l-Impriża tat-Trasport	Isem l-impriża tat-trasport li għaliha jintalbu d-dettalji tal-liċenzja Komunitarja.	Iva
▼M1 Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-kopja awtentika ċċertifikata jew tal-liċenzja Komunitarja li dwarha qed jintalbu d-dettalji (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva
▼B Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Vettura	In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li għaliha tinħareġ kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja.	Le

Tweġiba għall-Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja		Obbligatorju
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jidentifika kull talba individwali.	Iva
Awtorità Oriġinatriċi	L-awtorità li ħarġet it-talba għal tfittxija.	Le
▼M1 Kodiċi tal-Istatus	Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba (eż. instabet, ma nstabitx, error, eċċ.).	Iva
Messaġġ tal-Istatus	Deskrizzjoni tal-istatus spjegatorju (jekk meħtieġa).	Le
Impriża tat-Trasport		Iva, jekk instab il-Kodiċi tal-Istatus
▼B Isem l-Impriża tat-Trasport	Isem l-impriża tat-trasport (l-isem u l-forma ġuridika) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Indirizz tal-Impriża tat-Trasport	L-indirizz tal-impriża tat-trasport (l-indirizz, il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
▼M1 Dettalji tal-Liċenzja Komunitarja		Iva, jekk instab il-Kodiċi tal-Istatus
Awtorità tal-Liċenzjar	L-awtorità li ħarġet il-liċenzja Komunitarja lill-impriża tat-trasport.	Iva
Numru tal-Liċenzja	In-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva

▼M1

Tweġiba għall-Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja		Obbligatorju
Status tal-Liċenzja	L-istatus tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
▼B Tip ta' Liċenzja	It-tip tal-liċenzja Komunitarja kif irreġistrat fir-reġistru. Dikjarazzjoni ta': — “Liċenzja Komunitarja għat-trasport tal-passiġġieri” — “Liċenzja nazzjonali għat-trasport tal-passiġġieri” — “Liċenzja Komunitarja għat-trasport tal-merkanzija” — “Liċenzja Nazzjonali għat-trasport tal-merkanzija”	Iva
Data tal-Bidu	Id-data tal-bidu tal-liċenzja Komunitarja.	Iva
Data ta' Skadenza	Id-data ta' skadenza tal-liċenzja Komunitarja.	Iva
Data ta' Rtirar	Id-data ta' rtirar tal-liċenzja Komunitarja.	Le
Data ta' Sospensjoni	Id-data ta' sospensjoni tal-liċenzja Komunitarja.	Le
Data ta' Skadenza tas-Sospensjoni	Id-data li fiha tiskadi s-sospensjoni tal-liċenzja Komunitarja.	Le
Vetturi Ġestiti	In-numru ta' vetturi ġestiti kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
▼M1 *Dettalji tal-Kopja Awtentika Ċċertifikata*		*Le*
Numru tal-Kopja Awtentika Ċċertifikata	In-numru tas-serje tal-kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva
_____		
▼B Data ta' Skadenza	Id-data ta' skadenza tal-kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja.	Iva
Data ta' Rtirar	Id-data ta' rtirar tal-kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja.	Le
▼M1 _____		
Data ta' Skadenza tal-Irtirar	Id-data meta jiskadi l-irtirar tal-kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja.	Le

▼B

ANNESS IV

SERVIZZI TA' TRAŻLITTERAZZJONI U TA' NYSIIS

1. L-algoritmu tan-NYSIIS implimentat fil-hub ċentrali se jintuża sabiex jiġu enkowdjati l-ismijiet tal-maniġers kollha tat-trasport fir-reġistru nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom dejjem jużaw il-kjavi tan-NYSIIS bħala l-mekkaniżmu primarju ta' tfittxija meta jfittxu fir-reġistru għal maniġer tat-trasport permezz tal-funzjonalità tas-CGR.

3. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw algoritmu apposta biex jagħtihom riżultati addizzjonali.

4. Ir-riżultati tat-tfittxija jindikaw b'liema mekkaniżmu ta' tfittxija nstab rekord, jekk hux bin-NYSIIS, jew bis-CPC jew b'wieħed apposta.

▼B

ANNESS V

REKWIZITI TA' SIGURTÀ

1. Dejjem irid jintuża l-HTTPS għall-iskambju ta' messaġġi bejn il-hub ċentrali u s-sistemi nazzjonali.

2. Is-sistemi nazzjonali se jużaw iċ-ċertifikati tal-PKI pprovduti mill-Kummissjoni sabiex it-trażmissjoni tal-messaġġi bejn is-sistema nazzjonali u l-hub issir f'qafas sigur.

3. Bħala minimu, is-sistemi nazzjonali se jimplimentaw iċ-ċertifikati li jużaw l-algoritmu tal-hash tal-firma SHA-2 (SHA-256) u tul tal-kjavi pubblika ta' 2 048 bit.

▼B

ANNESS VI

LIVELLI TA' SERVIZZ

1. Is-sistemi nazzjonali se jissodisfaw il-livell minimu ta' servizz li ġej:

1.1. Se jkunu disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat (7) ijiem fil-ġimgħa.

1.2. Id-disponibbiltà tagħhom għandha tiġi ssorveljata b'messaġġ pulsanti li jinħareġ mill-hub ċentrali.

1.3. Ir-rata ta' disponibbiltà tagħhom se tkun ta' 98 %, skont it-tabella li ġejja (iċ-ċifri ġew aġġustati 'l fuq għall-eqreb unità konvenjenti):

Disponibbiltà ta'	tfisser nuqqas ta' disponibbiltà ta'		
	Kuljum	Kull xahar	Kull sena
98 %	0,5 sigħat	15-il siegħa	7,5 ijiem

L-Istati Membri mħeġġa jirrispettaw ir-rata ta' disponibbiltà ta' kuljum, madankollu, huwa rikonoxxut li ċerti attivitajiet neċessarji, bħall-manutenzjoni tas-sistema, jeħtieġu perjodu ta' waqfien ta' iżjed minn 30 minuta. Madankollu, ir-rati ta' disponibbiltà ta' kull xahar u ta' kull sena jibqgħu obbligatorji.

1.4. L-Istati Membri se jwieġbu minimu ta' 98 % tat-talbiet li jintbagħtulhom f'xahar kalendarju wieħed.

1.5. Meta jibagħtu t-tweġibiet dwar il-kontrolli tar-reputazzjoni tajba, il-konfermi li rċevew in-notifika tal-ksur, u t-tweġibiet dwar il-kontrolli tal-liċenzja Komunitarja skont l-Anness VIII:

1.5.1. L-Istati Membri se jwieġbu t-talbiet fi żmien 10 sekondi.

1.5.2. Iż-żmien tal-iskadenza tat-talba globali (iż-żmien li fih min jagħmel it-talba jista' jistenna għal tweġiba) ma għandux jaqbeż l-20 sekonda.

1.5.3. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu rata ta' talbiet ta' sitt (6) messaġġi kull sekonda.

1.6. Is-sistemi nazzjonali mhumiex se jibagħtu talbiet lill-hub tal-ERRU b'rata li tkun iżjed minn żewġ talbiet kull sekonda.

1.7. Kull sistema nazzjonali se tkun kapaċi tlaħħaq mal-problemi tekniċi potenzjali tal-hub ċentrali jew tas-sistemi nazzjonali fi Stati Membri oħra. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) Telf tal-konnessjoni mal-hub ċentrali

(b) Ebda tweġiba għal talba

(c) Riċevuta tat-tweġibiet wara li jiskadi ż-żmien ta' messaġġ

(d) Riċevuta ta' messaġġi mhux mitluba

(e) Riċevuta ta' messaġġi mhux validi

2. Il-hub ċentrali se:

2.1. Jkollu rata ta' disponibbiltà ta' 98 %.

2.2. Jipprovdi notifika ta' kwalunkwe żball lis-sistemi nazzjonali, permezz tal-messaġġ ta' tweġiba jew inkella permezz ta' messaġġ dedikat ta' żball. Is-sistemi nazzjonali, min-naħa tagħhom, se jirċievu dawn il-messaġġi dedikati ta' żbalji u jkollhom fis-seħħ eskalazzjoni fil-fluss tax-xogħol sabiex jieħdu kwalunkwe azzjoni li tkun xierqa biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji nnotifikati. ►**M1** Meta jintalbu, il-Kummissjoni għandha tingħata dettalji dwar din il-proċedura tal-eskalazzjoni. ◄

3. Manutenzjoni

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe attività ta' manutenzjoni ta' rutina permezz tal-applikazzjoni tal-web, minn tal-inqas ġimgħa qabel il-bidu ta' dawk l-attivitajiet, jekk dan ikun possibbli teknikament.

▼B

ANNEX VII

REĠISTRAZZJONI U STATISTIKA

1. Dan l-Anness jipprovdi dettalji dwar id-dejta tar-reġistrazzjoni u d-dejta statistika miġbura fil-hub ċentrali, mhux fl-Istati Membri.

▼M1

2. Sabiex tkun żgurata l-privatezza, id-dejta għall-finijiet statistiċi u tad-direzzjonar għandha tkun anonima. Id-dejta li tidentifika meniġer tat-trasport speċifiku, impriża tat-trasport speċifika, liċenzja Komunitarja speċifika jew CPC speċifika mhux se tkun disponibbli għall-finijiet statistiċi.

▼B

3. L-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni żżomm amment tat-tranżazzjonijiet kollha għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' debugging, u tippermetti l-ġenerazzjoni tal-istatistika dwar dawn it-tranżazzjonijiet.

▼M1

4. Id-dejta personali mhux se tinżamm fir-reġistri għal iżjed minn sitt (6) xhur minn meta titlesta tranżazzjoni. L-informazzjoni statistika u tad-direzzjonar għandha tinżamm indefinittivament.

5. Id-dejta statistika li tintuża għar-rappurtar tista' tinkludi, fost l-oħrajn:

   (a) L-Istat Membru tat-talba.

   (b) L-Istat Membru tat-tweġiba.

   (c) It-tip ta' messaġġ.

   (d) Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba.

   (e) Id-data u l-ħin tal-messaġġi.

   (f) Il-ħin tat-tweġiba.

▼B

ANNESS VIII

UŻU TAL-ERRU

1. KONTROLL TAR-REPUTAZZJONI TAJBA TAL-MANIĠERS TAT-TRASPORT

Meta ssir il-verifika permezz tal-ERRU, skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, dwar jekk maniġer tat-trasport ġiex iddikjarat mhux adattat li jġestixxi l-attivitajiet tat-trasport ta' impriża f'wieħed mill-Istati Membru, l-Istati Membri għandhom iwettqu tfittxija ġenerali ta' CGR billi jibagħtu Talba għal Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba. L-Istati Membri tat-tweġiba għandhom iwieġbu għat-talba billi jibagħtu Tweġiba għall-Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba.

2. SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-KSUR

2.1. Meta jsir skambju ta' informazzjoni dwar ksur serju permezz tal-ERRU, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 jew l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, l-Istat Membru tal-ksur jinnotifika lill-Istat Membru ta' stabbiliment fil-każ ta' ksur wieħed jew iktar imwettaq/imwettqa minn impriża tat-trasport, fil-qafas tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. In-notifika għandha ssir billi tintbagħat Talba għal Notifika ta' Ksur.

2.2. It-Talba għal Notifika ta' Ksur tintbagħat mill-iktar fis possibbli u mhux iżjed tard minn sitt ġimgħat mid-deċiżjoni finali dwar il-kwistjoni. Din tagħti d-dettalji dwar il-ksur, l-istatus tal-penali imposti u l-penali mitluba, jekk ikun il-każ, fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

2.3. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jwieġeb it-Talba għal Notifika ta' Ksur billi jibgħat Tweġiba għan-Notifika ta' Ksur, mill-iktar fis possibbli u mhux iżjed tard minn sitt ġimgħat mid-deċiżjoni finali dwar il-kwistjoni, li biha jagħti tagħrif dwar liema mill-penali mitluba mill-Istat Membru tal-ksur ġew imposti, jekk ikun il-każ. Jekk penali bħal dawn ma jiġux imposti, it-Tweġiba għan-Notifika ta' Ksur għandha tinkludi r-raġunijiet għalfejn dan kien il-każ.

▼M1

2.4. F'kull każ, kull Talba ta' Notifika ta' Ksur jew Tweġiba għal Notifika ta' Ksur għandha iġi rikonoxxuta b'Rikonoxximent ta' Notifika ta' Ksur.

▼B

3. KONTROLL TAL-LIĊENZJA KOMUNITARJA

3.1. Meta jikkontrolla d-disponibbiltà tal-liċenzja Komunitarja msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 u fir-Regolament (KE) Nru 1073/2009, Stat Membru jista' jitlob l-informazzjoni dwar il-liċenzja Komunitarja msemmija fl-Artikolu 16(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 permezz ta' Talba għal Kontroll tal-Liċenzja Komunitarjali tintbagħat lill-Istat Membru ta' stabbiliment.

3.2. L-Istat Membru ta' stabbiliment iwieġeb billi jibgħat Tweġiba għall-Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja.